MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 860/2011

**L-Avukat Dr Christian Farrugia (K.I. Nru 441363M) bhala mandatarju specjali tal-assenti Antonius Kok (KI Nru. 0026286A)**
**VS**
**Direttur Qrati Civili u Tribunali, Direttur Generali tal-Qorti u Josephine sive Faure ghal kull interess li jista jkollha**

Il-Qorti :

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti tat-2 ta' Settembru 2011, li jaqra hekk:

*1. "Illi in segwitu ghas-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fit-30 ta' Gunju 2011 fil-kawza fl-ismijiet Antonius Kok versu Josephine sive Josette Faure (Rikors Nru. 480/2009 – kopja annessa u mmarkata bhala Dok A), l-intimat Registratur tal-Qorti hareg it-taxxa tad-drittijiet*

*a spejjez gudizzjarji relattiva ghall-istess kawza. Din it-taxxa inharget fl-4 ta' Awwissu, 2011 u kopja taghha qed tigi annessa ma' dan ir-rikors u mmarkata bhala Dok. B;*

*2. Illi l-mertu tal-kawza msemmija, kif jirrizulta mill-kopja tar-rikors tar-rikorrenti hawn annessa u mmarkata Dok C, kien jikkonsisti f'talba ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija u hamsa u sittin elf Lira Maltija (LM350,000), ekwivalenti ghal tmien mija u hamsin elf mitejn u wiehed u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrijn centezmu (€850,221.29) li kienu moghtija mill-mittent permezz ta' self lil-intimata Faure sabiex tkun tista tixtri propjeta' fir-Rabat. Il-mittent talab lil dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-flus moghtija mill-mittent jkunu kkunsidrati bhala loan, tiddikjara li l-loan huwa dovut a tenur tal-Artikolu 1078(a) ta' Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta'Malta, u tordna lill-intimata Faure thallas l-istess ammont mitlub bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 708/2009 u l-imghaxijiet relattivi;*

*3. Illi mar-Risposta Guramentata taghha (kopja annessa ma' dan ir-rikors u mmarkat Dok D) ghar-rikors tar-rikorrent, l-intimata intavolat kontra –talba li biha tablet lil dina l-Ononorabbli Qorti tiddikjara li l-ammont ta' flus imsemmi fil-kuntratt ta' self de quo gie moghti lilha bhala donazzjoni sabiex tixri propjeta' fir-Rabat ; talbet ukoll li jigi ddikjarat lil-loan contract datat il-25 ta' Ottubru 2004 kien donazzjoni simulata taht l-apparenza ta' self konsegwentement tiddikjara wkoll lil-istess skrittura privata kienet invalida bhala self u valida bhala donazzjoni.*

*4. Illi r-rikorrenti ma jaqbilx mal-kalkolu mahdum mill-intimat ir-Registratur tal-Qorti tad-drittijiet relattivi ghall-kontra talba tal-intimata Faure billi, fil-fehma umli tar-rikorrent, il-metodu tal-kalkolu uzat ghall-intaxxar tad-drittijiet tal-kawza kien errorju u irregolari.*

*5. Illi r-Registratur tal-Qorti kellu jahdem it-taxxa u d-drittijiet tal-kontro –talba tal-intimata Faure' a tenur ta' Artikolu 3(3) ta' tat-Tariffa A ta' l-iskeda A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi:*

*Kull kontro-talba li jkun hemm f'att tal-procedura msemmi fis-subparagrafi (1) jew (2) ta' dan il-paragrafu tigi meqjusa bhala talba gdida, u drittijiet murija fis-subparagrafi (1) u (2) ta' dan il-paragrafu ghandhom jithallsu fuq il-kontro-talba u r-risposta ghalih.*

*6. Illi Artikolu 3(1) tat-tariffa A ta' l-iskeda A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta'Malta jipprovdi illi u "…meta d-dritt tar-registru jkun jista' jigi intaxxat* ***fuq valur stabbilit jew fuq valur li jista' jigi stabbilit*** *skond il-ligi jew mill-att innifsu…"*

*7. Illi l-valur tal-kontro talba seta', fil-fehma tar-rikorrent, jigi facilment stabbilit u ddeterminat mir-Registratur intimat b'referenza semplici ghall-atti tal-kawza li jindikaw b'mod car u manifest li l-valur tad-donazzjoni allegata mill-intimata kif ukoll tal-loan contract lill-intimata Faure' ttentat timpjuna kien jammonta ghal tliet mija u hamsa u sittin elf Lira Maltija (LM350,000), ekwivalenti ghal tmien mija u hamsin elf mitejn u wiehed u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€850,221.29);*

*8. Illi fil-kontro-talba l-intimata tablet ukoll lil-iskrittura ta' self mertu tal-kawza, kellha tigi ddikjarata invalida u minflok jigi ddikjarat li l-ammont lilha moghtija (u cioe l-ammont ta' tliet mija u hamsa u sittin elf Lira Maltija (LM350,000), ekwivalenti ghal tmien mija u hamsin elf mitejn u wiehed u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€850,221.29)) , jitqies bhala donazzjoni.*

***Ghal dawn ir-ragunijiet ir-rikorrenti jitlob, ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta'Malta , lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:***

*1. Thassar u tirrevoka t-taxxa mahruga mill-intimat Registratur tal-Qorti fl-4 t'Awwissu, 2011;*

*2. Tordna r-ritassa tal-kawza rikors numru 480/2009 skond il-ligi b'ordni lil-initimat Registratur tal-Qorti jahdem id-drittijiet u l-ispejjez gudizzjarji relattivi ghall-Kontro-Talbiet tal-initmata ad valorem fuq is-somma ta ' Euro 850,221.29, valur li jista jigi stabbilit mill-atti tal-istess*

*rikors, jew fuq somma ohra verjuri li tavolta tistabbilixxi din il-Qorti.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors guramentat;

Rat li  l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati  lill-intimati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali u Direttur Generali tal-Qorti tal-14 t'Ottubru 2012 li taqra hekk:

*1. "Illi, preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija monka u nulla fil-konfront tal-eccipjenti Direttur Qrati Civili u Tribunali stante li l-azzjoni giet intavolata kontra entita', ossia Registratur Qrati Civili u Tribunali li ma huwiex aktar kontemplat fil-Ligi, u ghalhekk l-eccipjenti Direttur, Qrati Civili u Tribunali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;*

*2. Illi preliminarjament ukoll, kwantu ghall-eccipjenti Direttur Generali tal-Qorti, dana zgur mhuwiex il-legittimu kontradittur u kwindi ghandu jigi liberat mill-ossevanza ta-gudizzju bl-ispejjes kontra l-attur.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suspost, it-taxxa kif redatta inhadmet b'mod korrett u skond il-Ligi u l-prassi f'dawn il-kazijiet b'dan illi f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tvarja tali tassazzjoni, 1-esponenti m'ghandux sofri ebda spejjez ta' tali azzjoni u/jew korrezzjoni;*

*4. Illi minghajr pregudizzju  ghas-suespost, l-esponenti jirrileva illi jekk hemm lok ghal ritassa l-esponenti m'ghandux jigi kkundannat ebda spejjez stante illi l-kawza de quo hija ntempestiva in kwantu 1-esponent jirrileva li huwa dejjem dispost jiddiskuti l-mod ta' kif tkun inhadmet taxxa qabel ma jigu ntavolati proceduri proprju fi sforz biex jigu evitati kawzi inutli u fil-kaz in dizamina l-esponent ma giex avvicinat ghal dan l-ghan qabel mar-rikorrent*

*intavolaw il-kawza odjerna u ghaldaqstant huwa m'ghandux ibati ebda spejjez.*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost 1-esponent jirrileva illi huwa joqghod ghal kwalsiasi ordni li tohrog dina l-Onorabbi Qorti, izda f'kuII kaz 1-esponent m'ghandux sofri spejjez ta' dawn il-proceduri;*

*6. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti."*

Rat ir-risposta guramentata ta' Josette Faure tat-13 ta'Frar 2012 li taqra hekk:

*"L-ECCEZZJONIJIET:*
*1. Preliminarjament, l-azzjoni attrici inizjata permezz ta' Rikors Guramentat hija rrita u nulla.*

*2. Bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu. t-taxxa tal-kawza fl-ismijiet "Antonius Kok -vs- Josette Faure", c-citazzjoni numru 480/2009 GCD, deciza fit-30 ta' Gunju 2011 giet mahduma korrettement.*

*3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.*

*IL-FATTI:*

*1. Illi Antonius Kok u Josette Faure kienu nvoluti f'kawza. c-citazzjoni 480/2009GCD, kontententi Talba u Rikonvenzjoni. F'dina 1-kawza li kienet giet deciza fit-30 ta' Gunju 2011, 1-attur Antonius Kok kien talab permezz tat-Talba Principali tieghu 1-kundanna hlas tas-somma ta' €850,221 .29c, fil-waqt li 1-esponenti Josette Faure talbet permezz tal-Kontro-Talba taghha dikjarazzjonijiet li 1-flus li 1-attur kien hallas biex inxtrat proprjeta' immobiljari kienu intizi bhala donazzjoni u li iskrittura ntestata "Loan Contract" datata 1-25 ta' Ottubru 2004 kienet donazzoni simulata taht 1- apparenza ta' self.*

*2. Illi ghalhekk l-oggett tal-Kontro-Talba ta'l-esponenti kien l-validita' o meno ta' l-iskrittura attakkata.*

*3. Illi in segwitu r-Registratur hadem id-drittijiet involuti, u effettivament intaxxhom korrettement skond il-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-attur tat-3 ta' Jannar 2010;

Rat in-nota t'osservazzjoni tal-konvenuta Josette Faure tal-4 ta' Frar 2013;

Rat in-nota t'osservazzjoni tal-konvenut Direttur, Qrati Civili u Tribunali tat-12 ta' Frar 2013;

**Ikkunsidrat:**

Din il-kawza tirrigwarda azzjoni ghal-ritassa ta' kontro-talba fil-proceduri indikati fir-rikors promotorju.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi d-dritt tal-Avukati fuq it-talbiet ewlenin tar-rikors promotur fil-kawza fl-ismijiet *"Antonius Kok vs Josephine sive Josette Faure"* (Rikors numru 480/2009) **giet intaxxata ad valorem**, waqt li il-kontro-talba giet **intaxxata bhala punt ta' ligi** – vide taxxa Dok.B a fol. 16 u 17.

L-Imhallef sedenti fis-sentenza nnifisha u cioe' is-sentenza fl-ismijiet *"Antonius Kok vs Josephine sive Josette Faure"* irritjena:

**"*This case concerns the interpretation of a private writing incorporating an agreement between the***

***parties. Plaintiff says that the writing is a loan agreement whereas defendant contends that it is a simulated donation. Plaintiff is therefore seeking the repayment of the loan whereas defendant by means of a counter-claim is seeking a declaration that there was no loan but donation*.”**
(vide Dok. A - Rikors numru 480/2009)

In konkluzjoni dik il-Qorti sabet illi l-kuntratt bejn il-partijiet tal-25 t'Ottubru 2004 kif dedott mill-intenzjoni attwali tar-rikorrenti Kok, ma kienx dak ta'self bla interessi lill-intimata, izda sempliciment li l-istess intimata ***"should be a front, a so called 'prestanome', so that plaintiff may avail himself of her name to acquire property which he could not acquire in his own name***" – vide fol 13 u 14.

Dik il-Qorti cahdet kemm it-talbiet tar-rikorrenti u kif ukoll dawk tal-intimata fil-kontro-talba.

**Ikkonsidrat:**

Skond l-Artikolu 64 tal-Kap. 12 :

***"L-ispejjez gudizzjarji jigu intaxxati u likwidati mir-Registratur u t-taxxi maghmulin minnu, ma jistghux jigu attakkati wara li ghalaq xahar. Din l-azzjoni ghandha tinbeda b-rikors li ghandu jigi trattat sommarjament mill-Qorti. Dan iz-zmien, ghal-dawk li jitolbu it-taxxa tal-ispejjez jibda jghodd mill-gurnata li fiha tkun harget it-taxxa u ghad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att gudizzjarju mill-gurnata ta' dik notifika"***

Illi fil-kaz in ezami it-taxxa giet rilaxxata fl-4 t'Awwissu 2011 (vide fol 16) u il-kawza odjerna giet intavolata fit-2 ta' Settembru 2011. Ghaldaqstant din l-azzjoni giet intavolata in termini.

Illi di piu' wara li saret il-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza, ir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali rtira l-ewwel

eccezzjoni tieghu – vide verbal u digriet tal-Qorti datat 31 t'Ottubru 2011, a fol 47 tal-process.

Illi inghad li :
"…***il-procedura maħsuba biex wieħed jattakka taxxa gudizzjarja għandha titqies bħala waħda specjali li tirnexxi biss fejn u jekk kemm-il darba jintwera li jkun hemm ic-cirkostanzi xierqa li jwasslu lill-Qorti biex tordna lir-Registratur jerga' jwettaq sewwa l-funzjoni tiegħu [1]. Għall-kuntrarju ta' sentenza jew degriet, it-taxxa tal-ispejjeż gudizzjarji m'hijiex att tal-Qorti, imma att tar- Registratur[2]. Bħala tali, l-azzjoni maħsuba biex tattakka taxxa bħal dik tista' titqies bħala waħda ta' stħarrig gudizzjarju fejn il-Qorti tgħarbel il-kriterji mħaddma mir-Registratur u tqishom fid-dawl tal-ligi fis-seħħ bla ma tgħaddi hi biex twettaq dik il-funzjoni[3]. Huwa għalhekk li f'każ fejn parti jseħilha turi ragunijiet tajba biex twaqqa' taxxa gudizzjarja maħruga mir-Registratur, il-Qorti tagħti ordni lill-istess Registratur biex jagħmel dik it-taxxa mill-gdid;"***

(vide sentenza fl-ismijiet ***"Speranza Gatt et vs Albert Libreri et"*** deciza fit-**18 ta' Frar 2010** per **Onor. Imh. Dr. J. R. Micallef**)

Il-lanjanza tar-rikorrenti hi illi r-Registratur naqas li jintaxxa il-kontro-talba ad valorem u dan ai termini tal-artikolu 3(3) tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li tipprovdi testwalment hekk:

***"Kull kontro-talba li jkun hemm f'att tal-procedura msemmi fis-subparagrafi (1) jew (2) ta' dan il-paragrafu tigi meqjusa bhala talba gdida, u drittijiet murija fis-subparagrafi (1) u (2) ta' dan il-paragrafu ghandhom jithallsu fuq il-kontro-talba u r-risposta."***

---

[1] App. Civ. **4.2.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Borg noe vs Agent Registratur tal-Qrati et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.34**)
[2] P.A. **23.2.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Borg vs Salomone*** (Kollez. Vol: **XLIV.ii.536**)
[3] App. Civ. **29.5.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Aldo Laferla et vs Francis Scicluna et*** (mhux pubblikata)

Illi di piu' Artikolu 3(1) tat-tariffa A ta' l-iskeda A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta'Malta jipprovdi illi:

***"... rikors jew att iehor tal-procedura ... li titlob decizjoni minn Imhallef jew Magistrat, u meta d-dritt tar-registru jkun jista' jigi intaxxat fuq valur stabbilit jew fuq valur li jista' jigi stabbilit skond il-ligi jew mill-att innifsu, ikunu dovuti ukoll dawn id-drittijiet..."***

**Ikkonsidrat:**

Fis-sentenza fl-ismijiet ***"Avv. Dr. Giuseppe Pace Et. Vs Avv. Dr. Giuseppe Vella noe. et."*** deciza fl-**1 t'Ottubru 1948** gie ritenut is-segwenti :

"***Huwa pacifikament ammess mill-Qrati Taghna li t-tassazzjoni tal-kawza ghandha tigi regolata mit-talba kontenuta fl-att tac-citazzjoni; pero' mhux fis-sens limitat tas-semplici inkartament, izda fis-sens ta' l-oggett taghha. U f'dan is-sens il-kumpless ta' dak li huwa in kontestazzjoni, jew dak li huwa in disputa ("quad desputatum est") jista' jigi ragjonevolment indott jew determinat minn dak li jkun irrizulta waqt id-dibattitu u t-trattazzjoni tal-kawza, imma mhux minn dak li lilha jkun irid jigi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jigu proposti ikunux akkolti jew michuda."***

F'kawza ghall-hlas ta' servigi, fejn it-talba hija ghall-likwidazzjoni u hlas tas-servigi, t-talba ghall-likwidazzjoni tas-servigi hija necessarjament preordinata ghall-hlas taghhom, u ma thassarx l-oggett principali tad-domanda, li huwa dak tal-hlas tas-servigi. Dak il-pagament huwa l-oggett principali tal-kawza, u l-likwidazzjoni hija dikjarazzjoni necessarja sabiex l-attur jirnexxi fid-domanda ghall-kundanna ghall-hlas. "...***imma fejn z-zewg talbiet ikunu simultanei huwa aktar gust, logiku u skond il-ligi, li t-talba ghall-pagament tkun intaxxata "ad valorem" bhal li hija l-oggett principali u l-fini ultimu tal-kawza, tant prattikament kemm legalment,***

***mentri ghandha il-likwidazzjoni tigi ntaxxata bhala semplici dikjarazzjoni...*"** Vide ukoll ***"Leslie Grech noe vs Frank Abela et"*** Prim Awla Qorti Civili **25 ta' Jannar 2002** u ***"Loris Bianchi et vs Dr. Borg costanzi noe"*** Appell Civili **17 t'April 1978**.

Illi di piu fis-sentenza fl-ismijiet ***"Salvino Ellul Bonici vs Dottor Edgar Buhagiar noe "*** deciza fit-**30 ta' Jannar 1959** gie ritenut:

***"Il-valur ta' kawza jitqies fuq id-domanda u mhux fuq l-interess effettiv jew l-interess pekunjarju jew patrimonjali li l-attur jista' jkollu fl-ezitu finali tal-kawza. Jista' jigri li l-azzjoni tkun ristretta ghal interess izghar minn dak li fuqu d-decizjoni tkun tinfluixxi. Drabi ohra l-interess li jintitola l-attur jagixxi jista' anqas ikun pekunjarju jew patrimonjali jew valutabbli fi flus. Meta jinghad li l-interess hu l-mizura tal-azzjoni, ikun qed issir riferenza ghall-interess li l-attur ghandu li jagixxi quddiem il-Qorti sabiex jottjena dak li jitlob."***

(vide ukoll sentenza fl-ismijiet **"Avukat Dr. Simon Tortell vs Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali"** deciza fil-**17 ta'Jannar 2011** per **Onor. Imh. Dr. M Chetcuti.**)

**Ikkonsidrat:**

Illi fil-kaz in ezami it-talba principali fir-rikors promotur gie intaxxat ad valorem, waqt li t-talba rikonvenzjonali giet intaxxata bhala punt ta' ligi.

Din it-talba rikonvenzjonali kienet limitata biss ghal kwistjoni jew interpretazzjoni **ta' natura ta' di skrittura privata tal-25 t'Ottubru 2004,** u dana independentement mill-ammonti indikati fl-istess skrittura jew il-valur tal-proprjeta' li ghaliha kien mahsub. In fatti in-natura inerenti tal-iskrittura tal-25 t'Ottubru 2004 **kienet l-oggett illi kien in desputa** fis-sentenza tat-30 ta' Gunju 2011.

Illi l-principju enincjati fil-kawza ***"Salvino Ellul Bonici vs Dottor Edgar Buhagiar noe ",*** flimkien mal-principji

ritenuti fis-sentenza ***"Avv. Dr. Giuseppe Pace Et. Vs Avv. Dr. Giuseppe Vella noe. et."***iwasslu din il-Qorti ghal-konkluzjoni unika u cioe' li it-taxxa tat-talba rikonvenzjonali bhala punt ta' ligi kienet dik koretta.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonjiet tal-intimati ghajr dawk gja irtirati; tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------